# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 41

Il-Hamis, 16 ta' Dicembru, 2010

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 31 Triq Nofsinhar, fit-3.30 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsillieri Raymond Azzopardi, Valerie Borg, Peter Buontempo, Mario Camenzuli u Vince Farrugia.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru. 40 li saret nhar l-Erbgha, 25 ta' Novembru, 2010 kienu konfermati.

**HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI**

***Kwotazzjonijiet ghat-thaffir tal-bazi ta' l-arblu***

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li minhabba l-infrastruttura ta' diversi korporazzjonijiet li ghaddejin taht l-art fejn ser issir il-bazi ta' l-arblu kien hemm diversi problemi sabiex it-thaffir isir b'makkinarju goff. Ghaldaqstant, il-kuntrattur gie mitlub biex it-thaffir jaghmlu bl-idejn. B'dan il-mod ix-xoghol kien ser idum hafna aktar u jehtieg aktar nies sabiex jitlesta u ghalhekk il-kuntrattur kien qed jitlob awment ta' €2,500 fuq il-kwotazzjoni originali. Il-Kunsill fehem li fic-cirkustanzi, dan l-awment huwa wiehed gustifikat u kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Dwar l-arblu, il-Vici Sindku nforma lill-Kunsill li kien qed isir minn kollox mill-Bank Centrali biex dan ma jsirx. Huwa qal li kellu laqgha fuq il-post ma' ufficjal mis-Superintendenza tal-Cultural Heritage fejn gie spjegat li kollox qed isir skond il-permess tal-MEPA u fejn liema ufficjal gie nfurmat mill-Vici Sindku li x-xoghol ser jitkompla. It-Tlieta, meta x-xoghol tal-bazi kien lest, il-Kunsill ircieva e-mail sabiex jieqaf ix-xoghol u jsir rapport strutturali dwar is-swar u wara jitressaq ghand is-Supretendent tas-Swar. Il-Kunsill qabel li jsiru dawn ir-rapporti. Sadanittant, il-Kunsill qabel ukoll li ssir bandiera izghar sabiex titla' matul il-granet normali tas-sena flok il-bandiera l-kbira.

***New Year's Eve***

Il-Kunsill gie nfurmat li kienet ser issir konferenza ghall-istampa nhar l-Erbgha, 22 ta' Dicembru, fis-13.00.

***Awtorizazzjoni ghall-iffirmar ta' l-ordnijiet ghall-hlasijiet***

Il-Kunsillier Camenzuli qal li lanqas hu ma kien jaqbel mal-pagamenti b'Rif. Nru. A.VI/40-56 u A.VI/40-57 lill-Perit Chris Briffa. Dan minhabba li meta ghamel prezentazzjoni dwar dan il-progett huwa kien iddikjara li l-Kunsill mhux se jehel l-ebda spejjez relatati mal-proposta tieghu ghal Manoel Guest House.

Il-Kunsillier Farrugia qal li hu dejjem kien xettiku dwar din il-persuna ghax l-ewwel jipprezenta l-affarijiet u wara jitlob il-hlas.

Il-Vici Sindku qal li l-perit Briffa ma talabx hlas ghas-servizz professjonali tieghu izda kien qed jitlob hlas ghal spejjez li ghamel. Huwa jista' jikkonferma li l-Perit kien qal hekk waqt il-prezentazzjoni tieghu izda kien qed jirreferi ghal hlasijiet professjonali.

Il-Kunsillier Camenzuli baqa' jsostni li hu ma kienx jaqbel li ghandu jsir il-hlas.

Il-Kunsillier Azzopardi staqsa x'garanzija hemm li mhux ser jintbghatu kontijiet ohra fuq dan il-progett.

Il-Vici Sindku qal li issa tkun problema tal-Perit u m'ghandux ikun hemm aktar kontijiet relatati ma' dan.

Il-Kunsillier Buontempo qal li l-Perit messu kien aktar car u qal li kien qed jirreferi ghas-servizz professjonali tieghu u ghandu jigi nfurmat li dan kien 'il-final settlement' dwar dan il-progett.

Is-Sindku qabel mas-suggeriment tal-Kunsillier Buontempo u ppropona li fi progetti ohra ghandu jkun hemm l-ispejjez kollha cari minn qabel. Dan ghandu jibda jsir minnufih sabiex dawn il-problemi jinqatghu darba ghal dejjem. Il-Kunsill qabel dwar dan.

**TMIEM**

Fl-4.15pm il-Kunsill aggorna ghal nhar il-Hamis, 6 ta' Jannar, 2011 fl-4.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku